**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta' Marzu, 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elton Taliana)**
**Vs**
**RASHID I RAMADAN ALJABO**

Kump Nru 573/2018

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Rashid I Ramadan Aljabo** ID 162479 A u nakkuzah talli nhar it 02 ta' Settembru 2018 ghal habta tad-21.20 Hrs gewwa Triq il-Mosta, Lija u f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin:-

liema serq minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros)

1. Bil-hsieb li jikkometti delitt ta' serq aggravat bil- 'vjolenza', bil-'hin', bil-'mezz' u bix-'xorta tal-haga misruqa' wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu, u dan ghad-dannu tal-kumpanija Domino's (Art. 261, 262 ,270 u 271 tal- Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Thomas Borg skond kif iccertifika Dr. Julian Sammut Alessi M.D. mil- Isptar Mater Dei M.D. u dan ai terminu tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-vettura tal-ghamla Yamaha bin numru ta' registrazzjoni ZQZ 552, liema hsara ma jkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250) ghad dannu ta' Fapi motors Ltd u/jew Domino's;

4. Barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju; (Art. 6, Kapitolu 480 ta' Ligijiet ta' Malta);

5. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u glied. (Art 338 (dd) Kap 9).

Aktar talli fl-istess data ghal habta tal- ghaxra u nofs ta' filghaxija (22.30Hrs) gewwa l-Isptar Mater Dei, Imsida:-

6. Ingurja, hedded, jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qedghin jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

7. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu iddmirijiet taghhom, jw b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel. jew billi gab fixxejnjew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi.

8. Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill Qorti tal-Magistrati Maltin ippreseduta mill-Magistrat Dr.

N.Camilleri nhar it- 02 ta' Novembru 201 7, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

II-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 28A, 28B, 41(1)(A), 49, 50, 95, 214, 215, 216, 218, 217, 218, 261(A)(B)(F)(G), 262, 267, 270, 271, 274, 277, 325, 338(EE)(DD), IKOLLTAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, KIF WKOLL L-ARTIKOLU 6 TAL-KAPITOLU 480 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB LIL-IMPUTAT HATI BHALA REVEDIV, U FUQ**

**AMMISSJONI TIEGEU STESS, TAL-IMPUTAZZJONIJET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U TIKKUNDANNAH BIL-MOD SEGWENTI:**

Dwar l-akkuzi in mertu ta' din il-kawza, **ghall-piena komplessiva ta' erbgha snin u tlett xhur prigunerija**; u

1. dwar it-tmien imputazzjoni, tordna li **is-sitt xhur prigunerija** (impost bis-Sentenza ta' 2.11.2017 mill-Magistrat Dr Neville Camilleri) **jidhlu fis-sehh u jsiru effettivi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur